

Brussell, 19 ta' Diċembru 2016
(OR. en)

15668/16

PUBLIC 88
INF 210

NOTA

Suġġett: SOMMARJU TA' KULL XAHAR TAL-ATTI TAL-KUNSILL - LULJU U
AWWISSU 2016

Dan id-dokument jelenka l-atti adottati mill-Kunsill f'Lulju u f'Awwissu 2016.^{1 2}

Huwa jaġhti informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' atti leġislattivi, inkluż:

- id-data tal-adozzjoni,
- is-sessjoni rilevanti tal-Kunsill,
- in-numru tad-dokument adottat,
- ir-referenza għall-Ġurnal Uffiċjali,
- ir-regoli ta' votazzjoni applikabbli, ir-riżultati tal-votazzjoni u, fejn adatt, l-ispedizzjonijiet tal-vot u d-dikjarazzjonijiet ippubblikati fil-minuti tal-Kunsill.

Dan id-dokument fih ukoll informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' atti mhux leġislattivi li l-Kunsill ikun iddeċieda li jipubblika.

¹ Bl-eċċezzjoni ta' ċerti atti b'kamp ta' applikazzjoni limitat bħal deċiżjonijiet ta' proċedura, ħatriet, deċiżjonijiet ta' korpi stabbiliti bi ftehimiet internazzjonali, deċiżjonijiet baġitarji speċifiċi, eċċ.

² Fil-każ ta' atti leġislattivi adottati bil-proċedura leġislattiva ordinarja, jista' jkun hemm differenza bejn id-data tal-laqgħa tal-Kunsill meta jkun ġie adottat l-att leġislattiv u d-data proprja tal-att inkwistjoni, peress li l-atti leġislattivi adottati bil-proċedura leġislattiva ordinarja jitqiesu biss li ġew adottati wara li jiġu ffirmati kemm mill-President tal-Kunsill kif ukoll mill-President tal-Parlament Ewropew u mis-Segretarji Ġenerali taż-żewġ istituzzjonijiet.

Dan id-dokument huwa disponibbli wkoll fis-sit web tal-Kunsill:

[Sommarji ta' kull xahar tal-atti tal-Kunsill \(atti\) - Consilium](#)

Id-dokumenti elenkati fis-sommarju jistgħu jinkisbu mir-reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Kunsill fi: [Dokumenti u pubblikazzjonijiet - Consilium](#)

Ta' min jinnota li dan id-dokument huwa esklużivament għal finijiet ta' informazzjoni - il-minuti tal-Kunsill biss huma awtentiċi. Dawn huma disponibbli fis-sit web tal-Kunsill: [Minuti tal-Kunsill - Consilium](#)

INFORMAZZJONI DWAR L-ATTI ADOTTATI MILL-KUNSILL F'LULJU U F'AWWISSU 2016

Proċeduri bil-miktub magħluqa fl-1 ta' Lulju 2016

ATTI LEĠISLATTIVI

ATT	DOKUMENT	REGOLA TA' VOTAZZJONI	VOTI
Regolament (UE) 2016/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet tal-merluzz, l-aringi u l-laċċ ikħal fil-Baħar Baltiku u s-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet, li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2187/2005 u li jirrevoka r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1098/2007 ĠU L 191, 15.7.2016, p. 1-15	15/16	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, minbarra: Astensjoni: LV

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

Rigward l-Artikolu 9 — Reġjonalizzazzjoni

Meta l-Kummissjoni tipproponi u tadotta atti delegati skont id-dispożizzjonijiet dwar ir-reġjonalizzazzjoni ta' dan il-pjan, hija ser tirrispetta l-qafas stabbilit fir-Regolament Bażiku (b'mod partikolari l-Artikolu 18), u l-prattika stabbilita skont ir-Regolament Bażiku għall-implimentazzjoni tal-proċess tar-reġjonalizzazzjoni ser tibqa' tapplika kif kien il-każ sa mill-2014.

Dikjarazzjoni mid-delegazzjoni Latvjana

B'mod ġenerali, il-Latvja tappoġġa l-oġġettiv ewlieni tar-Regolament biex jingħata kontribut għall-kisba tal-oġġettivi tal-Politika Komuni tas-Sajd, il-kisba u ż-żamma tar-rendimenti massimi sostenibbli għall-istokkijiet tal-bakkaljaw, l-aringi u l-laċċ ikħal fil-Baħar Baltiku. Il-Latvja tirrikonoxxi l-importanza ġenerali tal-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' pjanijiet multispeċi u pluriennali fil-qafas tal-Politika Komuni tas-Sajd.

Madankollu, il-Latvja hija tal-opinjoni li l-pjan multispeċi u pluriennali tal-Baħar Baltiku għandu jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-Politika Komuni tas-Sajd li jiżguraw li s-sajd ikun ambjentalment sostenibbli għall-perijodu fit-tul u jiġi ġestit b'mod li jkun konsistenti mal-oġġettivi tal-kisba ta' benefiċċji ekonomiċi, soċjali u tal-impjiegi, u li jikkontribwixxu għad-disponibbiltà ta' provvisti ta' ikel.

L-artikoli ewlenin tar-Regolament propost, li skonhom l-opportunitajiet tas-sajd jistgħu jiġu ffixxati (Artikoli 4 u 5, Annessi I u II), fihom kontroreferenzi kumplessi li huma bbażati fuq żewġ settijiet tal-meded ta' mortalità mis-sajd u punti ta' riferiment tal-bijomassa tas-sajd, stabbiliti skont l-aqwa parir xjentifiku disponibbli. Għalhekk, filwaqt li l-għanijiet tal-Politika Komuni tas-Sajd li jikkonċernaw il-konservazzjoni tar-riżorsi ġew irreferenzjati fid-dettall f'dawn l-artikoli, ma hemm l-ebda referenza diretta għal għanijiet oħra leġittimi u daqstant importanti tal-Politika Komuni tas-Sajd, bħall-konsiderazzjoni tal-aspetti u l-interessi soċjoekonomiċi ta' dawk li huma impjegati fis-settur tas-sajd u dipendenti fuqu. Il-Latvja tqis it-tali approċċ żbilanċjat u hija mħassba li l-kriterji msemmija hawn fuq jistgħu jikkawżaw restrizzjonijiet mhux ġustifikati fuq l-applikazzjoni tal-firxa sħiħa tal-meded ta' mortalità mis-sajd xjentifikament ġustifikati, meta jiġu stabbiliti l-opportunitajiet annwali tas-sajd.

Barra minn hekk, f'dan l-istadju m'hemmx biżżejjed taġrif xjentifiku dwar xi punti ta' referenza fl-Annessi I u II. Pereżempju l-meded ta' mortalità mis-sajd fl-Anness I ma ġewx definiti għal 2 stokkijiet minn 8 fil-Baħar Baltiku u l-punti ta' referenza tal-bijomassa ta' stokk riproduttiv fl-Anness II ma ġewx definiti għal 4 stokkijiet minn 8 fil-Baħar Baltiku. Mingħajr meded kompleti, il-pjan pluriennali għall-Baħar Baltiku ma jistax jitqies li huwa kompletament funzjonali u m'hemm l-ebda mekkaniżmu fi ħdan il-pjan innifsu dwar kif għandhom jiġu indirizzati dawn il-kwistjonijiet.

Il-Latvja tistieden lill-Kummissjoni, meta tipproponi l-opportunitajiet annwali tas-sajd, biex tiegħu kont tad-disponibbiltà u l-applikazzjoni tal-aktar data xjentifika reċenti kif ukoll il-ħtieġa li jiġu bbilanċjati l-għanijiet kollha tal-Politika Komuni tas-Sajd, u fl-istess ħin mingħajr ma jiddgħajfu dawk relatati mal-istabbiltà soċjali u ekonomika tas-settur tas-sajd.

Id-delegazzjoni Latvjana tastjeni milli tivvota dwar il-Pjan ta' Ġestjoni Multispeċi u Pluriennali tal-Baħar Baltiku kif inhu.

ATTI MHUX LEĠISLATTIVI

ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/1071 tal-1 ta' Lulju 2016 li temenda d-Deċiżjoni 2014/512/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna ĠU L 178, 2.7.2016, p. 21-21	10370/16

Adozzjoni ta' atti leġislattivi wara t-Tieni Qari tal-Parlament Ewropew (Strasburgu, mill-4 sas-7 ta' Lulju 2016)			
ATTI LEĠISLATTIVI			
ATT	DOKUMENT	REGOLA TA' VOTAZZJONI	VOTI
Direttiva (UE) 2016/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni madwar l-Unjoni ĠU L 194, 19.7.2016, p. 1-30	26/16 (10811/16)	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli
Proċedura bil-miktub magħluqa fl-4 ta' Lulju 2016			
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI			
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET		
Deċizzjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1098 tal-4 ta' Lulju 2016 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni Ewropea fil-Komitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE fir-rigward tar-reviżjoni tal-Anness III tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE ĠU L 182, 7.7.2016, p. 39-43	10401/16		
Proċedura bil-miktub magħluqa fil-5 ta' Lulju 2016			
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI			
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET		
Deċizzjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1099 tal-5 ta' Lulju 2016 dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji li għandhom jitħallsu mill-Istati Membri għall-finanzjament tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp, inkluż it-tieni ħlas parzjali għall-2016 ĠU L 182, 7.7.2016, p. 44-46	10398/16		

Proċeduri bil-miktub magħluqa fis-7 ta' Lulju 2016			
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI			
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET		
Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/1107 tas-7 ta' Lulju 2016 li temenda l-Azzjoni Konġunta 2005/889/PESK dwar l-istabbiliment ta' Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntieri għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah (EU BAM Rafah) ĠU L 183, 8.7.2016, p. 64-64	8948/16		
Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/1108 tas-7 ta' Lulju 2016 li temenda d-Deċiżjoni 2013/354/PESK dwar il-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS) ĠU L 183, 8.7.2016, p. 65-65	8950/16		
It-3480 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI) li saret fi Brussell fit-12 ta' Lulju 2016			
ATTI LEĠISLATTIVI			
ATT	DOKUMENT	REGOLA TA' VOTAZZJONI	VOTI
Direttiva tal-Kunsill (UE) 2016/1164 tat-12 ta' Lulju 2016 li tistabbilixxi regoli kontra l-prattiki ta' evitar tat-taxxa li jaffettwaw direttament il-funzjonament tas-suq intern ĠU L 193, 19.7.2016, p. 1-14	10539/16	Unanimità	L-Istati Membri kollha favur
Dikjarazzjoni mill-Kunsill			
Il-Kunsill jitlob lill-Kummissjoni biex tippreżenta proposta sa Ottubru 2016 dwar diskrepanzi ibridi li jinvolvu pajjiżi terzi sabiex tipprevedi regoli konsistenti mar-regoli rrakkomandati mir-rapport tal-BEPS tal-OECD dwar l-Azzjoni 2 u mhux effettivi inqas minnhom, bil-ħsieb li jintlaħaq qbil sal-aħħar tal-2016.			

Dikjarazzjoni mill-Kunsill u mill-Kummissjoni

L-objettiv ta' din id-Direttiva huwa li tiżgura implimentazzjoni koordinata u koerenti fil-livell tal-UE tar-rakkomandazzjonijiet tal-OECD dwar l-erożjoni tal-bażi u t-trasferiment tal-profitt (BEPS), li ssaħħa is-suq uniku permezz tal-introduzzjoni ta' standard minimu armonizzat. Madankollu, permezz tat-traspożizzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-OECD fi strument legalment vinkolanti l-UE tmur lil hinn mill-approċċ tal-OECD. Sabiex tiġi evitata kwalunkwe konsegwenza mhux intenzjonata u jiġi żgurat li l-UE ma titpoġġiex fi żvantaġġ kompetittiv fir-rigward tas-sħab kummerċjali tagħha, l-Istati Membri u l-Kummissjoni ser jissorveljaw mill-qrib l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-BEPS fuq livell globali. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jaħdmu b'mod attiv mal-OECD biex jipromwovu implimentazzjoni rapida, effikaċi u inklużiva tar-rakkomandazzjonijiet tal-BEPS biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwivalenti f'livell internazzjonali.

ATTI MHUX LEĠISLATTIVI

ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Deċizzjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1177 tat-12 ta' Lulju 2016 dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Protokoll Emendatorju għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Prinċipat ta' Monaco li jipprevedi miżuri ekwivalenti għal dawk stipulati fid-Direttiva tal-Kunsill 2003/48/KE ĠU L 195, 20.7.2016, p. 1-2	8386/16
Protokoll Emendatorju għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Prinċipat ta' Monaco li jipprevedi miżuri ekwivalenti għal dawk stipulati fid-Direttiva tal-Kunsill 2003/48/KE ĠU L 225, 19.8.2016, p. 3-40	8389/16

Dikjarazzjoni mill-Istati Membri

L-Istati Membri:

- jilqgħu l-iffirmar tal-Protokoll għall-Ftehim mal-Prinċipat ta' Monaco li jipprevedi miżuri għal trasparenza u skambju ta' informazzjoni ekwivalenti għal dawk applikabbli fl-UE u konformi mal-istandard globali għall-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni, u jirrikonossu l-importanza tiegħu fil-livell internazzjonali;
- jimpenjaw ruħhom li jimplimentaw dan il-Protokoll fiż-żmien previst, b'mod effiċjenti u reċiproku;
- jimpenjaw ruħhom li janalizzaw is-sitwazzjoni tal-Prinċipat ta' Monaco fid-dawl tal-miżuri previsti f'dan il-Protokoll u li jieħdu kont tagħha fir-relazzjonijiet bilaterali tagħhom mal-Prinċipat.

Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni dwar l-indirizzar tan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2015 dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen min-Netherlands	11203/16
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni dwar l-indirizzar tan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2015 dwar l-applikazzjoni min-Netherlands tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-politika komuni dwar il-viżi	10605/16
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni dwar l-indirizzar tan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2015 tal-applikazzjoni mill-Ungerija tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntieri esterni	10608/16
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni dwar l-indirizzar tan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2015 tal-applikazzjoni mill-Polonja tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntiera esterna fuq l-art mal-Ukrajna	10611/16
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-protezzjoni tad-data tal-Kapitolu 6 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI - Evalwazzjoni tad-Danimarka rigward l-iskambju awtomatizzat ta' data dwar id-DNA	10281/16
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-protezzjoni tad-data tal-Kapitolu 6 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI - Evalwazzjoni tad-Danimarka rigward l-iskambju awtomatizzat ta' data dattiloskopika	10283/16
Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/1791 tat-12 ta' Lulju 2016 dwar l-iffirmar u l-konklużjoni f'isem l-Unjoni tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Ċentru-Afrikana dwar l-istatus tal-Missjoni ta' Taħriġ Militari tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUTM RCA) ĠU L 274, 11.10.2016, p. 31-32	9893/16
Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Ċentru-Afrikana dwar l-istatus tal-Missjoni ta' Taħriġ Militari tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUTM RCA) ĠU L 274, 11.10.2016, p. 33-34	9893/16

Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/1136 tat-12 ta' Lulju 2016 li taġġorna l-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet soġġetti għall-Artikoli 2, 3 u 4 tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi fil-għieda kontra t-terroriżmu, u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2015/2430 ĠU L 188, 13.7.2016, p. 21-24	10263/16
Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1127 tat-12 ta' Lulju 2016 li jimplementa l-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 2580/2001 dwar miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet bil-għan li jiġi miġġieled it-terroriżmu u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2425 ĠU L 188, 13.7.2016, p. 1-4	10264/16
Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/1137 tat-12 ta' Lulju 2016 dwar it-tnedija tal-Missjoni ta' Taħriġ Militari tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUTM RCA) ĠU L 188, 13.7.2016, p. 25-25	10275/16
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1170 tat-12 ta' Lulju 2016 dwar il-pożizzjoni tal-Unjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fi ħdan il-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim Qafas dwar is-Sħubija Komprensiva u l-Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Indoneżja, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt, u l-istabbiliment ta' gruppi ta' ħidma speċjalizzati ĠU L 193, 19.7.2016, p. 29-37	9819/16
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1171 tat-12 ta' Lulju 2016 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE rigward l-emendi għall-Anness IX (Servizzi Finanzjarji) tal-Ftehim ŻEE ĠU L 193, 19.7.2016, p. 38-105	10422/16
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-finalizzazzjoni tar-riformi ta' Basel ta' wara l-kriżi	11175/16
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1222 tat-12 ta' Lulju 2016 li tistabbilixxi li ma ttehdet ebda azzjoni effettiva minn Spanja b'reazzjoni għar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Ġunju 2013 ĠU L 201, 27.7.2016, p. 19-22	10793/16

Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1230 tat-12 ta' Lulju 2016 li tistabbilixxi li ma ttehdet ebda azzjoni effettiva mill-Portugall b'reazzjoni għar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Ġunju 2013 ĠU L 202, 28.7.2016, p. 21-23	10796/16
Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2016 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2016 tal-Belġju u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2016 tal-Belġju ĠU C 299, 18.8.2016, p. 36-40	9190/16
Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2016 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2016 tal-Bulgarija u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-2016 tal-Bulgarija ĠU C 299, 18.8.2016, p. 32-35	9192/16
Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2016 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2016 tar-Repubblika Ċeka u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-2016 tar-Repubblika Ċeka ĠU C 299, 18.8.2016, p. 23-26	9194/16
Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2016 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2016 tad-Danimarka u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-2016 tad-Danimarka ĠU C 299, 18.8.2016, p. 87-89	9195/16
Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2016 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-Ġermanja għall-2016 u l-għoti ta' opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2016 tal-Ġermanja ĠU C 299, 18.8.2016, p. 19-22	9196/16
Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2016 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2016 tal-Estonja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2016 tal-Estonja ĠU C 299, 18.8.2016, p. 45-48	9197/16
Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2016 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2016 tal-Irlanda u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2016 tal-Irlanda ĠU C 299, 18.8.2016, p. 65-68	9198/16

Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2016 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2016 ta' Spanja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2016 ta' Spanja ĠU C 299, 18.8.2016, p. 7-11	9199/16
Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2016 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2016 ta' Franja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2016 ta' Franja ĠU C 299, 18.8.2016, p. 114-118	9200/16
Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2016 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2016 tal-Kroazja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-2016 tal-Kroazja ĠU C 299, 18.8.2016, p. 96-100	9203/16
Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2016 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2016 tal-Italja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2016 tal-Italja ĠU C 299, 18.8.2016, p. 1-6	9205/16
Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2016 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2016 ta' Ċipru u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2016 ta' Ċipru ĠU C 299, 18.8.2016, p. 27-31	9210/16
Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2016 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2016 tal-Latvja u l-għoti ta' opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2016 tal-Latvja ĠU C 299, 18.8.2016, p. 83-86	9213/16
Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2016 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma 2016 tal-Litwanja u l-għoti ta' opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2016 tal-Litwanja ĠU C 299, 18.8.2016, p. 69-72	9215/16
Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2016 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2016 tal-Lussemburgu u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2016 tal-Lussemburgu ĠU C 299, 18.8.2016, p. 101-104	9216/16

Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2016 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2016 tal-Ungerija u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-2016 tal-Ungerija ĠU C 299, 18.8.2016, p. 49-52	9217/16
Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2016 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2016 ta' Malta u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2016 ta' Malta ĠU C 299, 18.8.2016, p. 105-108	9221/16
Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2016 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2016 tan-Netherlands u li jagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2016 tan-Netherlands ĠU C 299, 18.8.2016, p. 41-44	9222/16
Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2016 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2016 tal-Awstrija u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2016 tal-Awstrija ĠU C 299, 18.8.2016, p. 57-60	9223/16
Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2016 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-Polonja għall-2016 u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-2016 tal-Polonja ĠU C 299, 18.8.2016, p. 15-18	9224/16
Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2016 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2016 tal-Portugall u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2016 tal-Portugall ĠU C 299, 18.8.2016, p. 109-113	9225/16
Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2016 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2016 tar-Rumanija u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-2016 tar-Rumanija ĠU C 299, 18.8.2016, p. 73-78	9226/16
Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2016 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2016 tas-Slovenja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2016 tas-Slovenja ĠU C 299, 18.8.2016, p. 90-95	9227/16

Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2016 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2016 tas-Slovakkja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2016 tas-Slovakkja ĠU C 299, 18.8.2016, p. 61-64	9228/16		
Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2016 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2016 tal-Finlandja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2016 tal-Finlandja ĠU C 299, 18.8.2016, p. 79-82	9229/16		
Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2016 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2016 tal-Iżvezja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-2016 tal-Iżvezja ĠU C 299, 18.8.2016, p. 53-56	9230/16		
Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2016 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2016 tar-Renju Unit u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-2016 tar-Renju Unit ĠU C 299, 18.8.2016, p. 12-14	9231/16		
It-3481 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AGRIKOLTURA U SAJD) li saret fi Brussell fit-18 ta' Lulju 2016			
ATTI LEĠISLATIVI			
ATT	DOKUMENT	REGOLA TA' VOTAZZJONI	VOTI
Pożizzjoni (UE) Nru 16/2016 tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb li jiġi adottat Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-miżuri protettivi kontra pesti tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 228/2013, (UE) Nru 652/2014 u (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 69/464/KEE, 74/647/KEE, 93/85/KEE, 98/57/KE, 2000/29/KE, 2006/91/KE u 2007/33/KE ĠU C 376, 13.10.2016, p. 1-108	8795/16 8795/16 ADD 1	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, minbarra: Astensjoni: NL

Dikjarazzjoni min-Netherlands

In-Netherlands jastjeni fir-rigward tar-Regolament dwar il-miżuri protettivi kontra l-pesti tal-pjanti. In-Netherlands jemmen li l-miżuri rigward is-sistema ta' importazzjoni, kif imniżżla f'dan ir-regolament, huma sproporzjonati (b'rabta mar-riskji attwali involuti).

Dikjarazzjoni mill-Ġermanja, l-Awstrija, il-Bulgarija, l-Ungerija, il-Latvja, in-Netherlands, il-Portugall, il-Greċja, ir-Repubblika Ċeka, l-Iżvezja, id-Danimarka, il-Finlandja, il-Litwanja, Malta, ir-Rumanija u r-Renju Unit

Ninnutaw li t-termini 'organiżmu ta' ħsara' u 'pest' jirreferu għall-istess kunċett fl-atti legali tal-UE, u jintużaw b'mod ekwivalenti.

Raġunament:

Fid-dawl tal-fatt li l-atti legali eżistenti tal-Kummissjoni u r-Regolamenti u d-Direttivi tal-Kunsill (eż. id-Direttiva tal-Kunsill 93/85/KEE, ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/138/UE), jużaw ukoll it-terminu 'organiżmu ta' ħsara' bl-istess tifsira u b'mod ekwivalenti, il-fatt li t-termini 'pest' u 'organiżmu ta' ħsara' huma sinonimi għandu jiġi enfasizzat b'mod ċar, sabiex tkun prekluziva kwalunkwe inċertezza fl-applikazzjoni tal-atti legali eżistenti tal-UE u r-Regolament il-ġdid tal-UE dwar is-Saħħa tal-Pjanti.

Pożizzjoni (UE) Nru 13/2016 tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-aċċessibilità tas-siti elettroniċi u tal-applikazzjonijiet mobbli tal-korpi tas-settur pubbliku (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) ĠU C 352, 27.9.2016, p. 1-15	9386/16 9386/16 ADD 1	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
Pożizzjoni (UE) Nru 14/2016 tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1365/2006 dwar statistika ta' trasport ta' merkanzija minn passaġġi fuq l-ilma interni fir-rigward l-għoti ta' setgħat iddelegati u ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni għall-adozzjoni ta' ċerti miżuri ĠU C 356, 28.9.2016, p. 1-5	9878/16 9878/16 ADD 1	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur

Pożizzjoni (UE) Nru 15/2016 tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 91/2003 dwar l-istatistika tat-trasport bil-ferrovija, fir-rigward tal-ġbir tal-informazzjoni dwar merkanzija, passiġġieri u inċidenti ĠU C 358, 29.9.2016, p. 1-7	10000/16 10000/16 ADD 1	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
Regolament (UE) 2016/1627 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 dwar pjan pluriennali għall-irkupru tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 302/2009 ĠU L 252, 16.9.2016, p. 1-52	14/16	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
<p>Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni</p> <p>Il-Kummissjoni tesprimi tħassib li s-setgħat limitati ddelegati lilha mill-koleġislaturi jistgħu jxekklu l-implimentazzjoni f'waqtha fil-liġi tal-UE ta' miżuri meħudin fil-geġġieni mill-ICCAT li jirrevedu jew jaġġornaw l-iskema ta' kontroll ta' din l-Organizzazzjoni.</p> <p>Il-Kummissjoni għalhekk tiddikjara li tqis lil dan ir-Regolament bħala bla ħsara għal kull pożizzjoni futura tal-istituzzjoni fir-rigward tar-rikors għall-Artikoli 290 u 291 TFUE għat-traspożizzjoni ta' miżuri tal-Organizzazzjonijiet Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd.</p> <p>Barra minn hekk, il-Kummissjoni tirriżerva wkoll id-dritt li tipproponi emendi lir-Regolament li jżidu n-numru ta' miżuri li għandhom jiġu adottati b'atti delegati jew implimentattivi fil-każ li t-traspożizzjoni permezz tal-proċedura leġislattiva ordinarja twassal għal dewmien li jfixkel il-kapaċità tal-UE li twettaq l-obbligi internazzjonali tagħha.</p>			
Regolament (UE) 2016/1628 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 dwar ir-rekwiżiti relatati mal-limiti ta' emissjonijiet ta' inkwinanti gassużi u partikolati u l-approvazzjoni tat-tip għall-magni b'kombustjoni interna għal makkinarju mobbli mhux tat-triq, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1024/2012 u (UE) Nru 167/2013, u li jemenda u jirrevoka d-Direttiva 97/68/KE (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) ĠU L 252, 16.9.2016, p. 53-117	21/16	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur

ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/1184 tat-18 ta' Lulju 2016 li jemenda r-Regolament (UE) 2015/2265 li jiftaħ u jipprevedi l-ġestjoni ta' kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni għal ċerti prodotti tas-sajd għall-perijodu 2016–2018 ĠU L 196, 21.7.2016, p. 1-2	10103/16
Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati fisem l-Unjoni Ewropea għall-konklużjoni ta' Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli u Protokoll mar-Repubblika tal-Kenja	10752/16
<p>Dikjarazzjoni nru 1 mill-Kummissjoni Il-Kummissjoni ma tqisx li hu meħtieġ li Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati tindika bażi legali sostantiva.</p> <p>Dikjarazzjoni nru 2 mill-Kummissjoni Skont l-Artikolu 31(2) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, il-Kummissjoni tirrikonoxxi għalkollox l-importanza tal-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar u l-ħtieġa konsegwenti li tiġi żgurata implimentazzjoni kif suppost tal-kunċett tal-eċċessi, kif espress fl-Artikolu 62(2) tal-UNCLOS, b'mod partikolari meta l-Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli u l-protokollu relatati jirregolaw l-aċċess tal-flotta esterna tal-UE għal riżorsi distribwiti f'ilmijiet tal-pajjiż sieħeb.</p> <p>Madankollu, rigward l-Artikolu 64 tal-UNCLOS u l-Artikolu 31(4) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, il-Kummissjoni tqis li l-kunċett ta' eċċessi japplika inqas għal attivitajiet tas-sajd li jisfruttaw speċijiet li jpassu ħafna, fejn l-oġġettivi ta' ġestjoni u l-miżuri ta' ġestjoni – ir-regoli dwar aċċess ta' prijorità, il-qabda, il-kapaċità jew il-limiti tal-isforz, u l-kondiviżjoni ta' għodod fejn ikun rilevanti – għandhom jiġu stabbiliti primarjament fil-livelli reġjonali jew sottoreġjonali mill-Partijiet Kontraenti għall-Organizzazzjonijiet ta' Ġestjoni tas-Sajd Reġjonali, b'kont debitu meħud tal-pariri xjentifiċi rilevanti.</p>	
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 6/2016 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat "Programmi ta' qerda, kontroll u monitoraġġ għat-trażżin tal-mard tal-annimali"	10994/16
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 3/2016 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat "Il-ġlieda kontra l-ewtrofikazzjoni fil-Baħar Baltiku: tinħtieġ azzjoni ulterjuri u aktar effettiva"	10642/16

Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1231 tat-18 ta' Lulju 2016 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Komitat Konġunt stabbilit bil-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranji rigward it-talba tal-Georgia biex issir Parti Kontraenti ta' dik il-Konvenzjoni ĠU L 202, 28.7.2016, p. 24-26	10524/16
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1206 tat-18 ta' Lulju 2016 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/676/UE li tawtorizza lir-Rumanija biex tkompli tapplika miżura speċjali ta' deroga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud ĠU L 198, 23.7.2016, p. 47-48	10702/16
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1232 tat-18 ta' Lulju 2016 li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni stabbilit mill-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u l-Kosovo (Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244/1999 u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.), min-naħa l-oħra, dwar Deċiżjoni tal-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni li tadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu ĠU L 202, 28.7.2016, p. 27-40	10852/16
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1202 tat-18 ta' Lulju 2016 li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill Ġenerali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ dwar it-talba tal-Istati Uniti għal eżenzjoni tad-WTO biex testendi s-sistema ta' trattament preferenzjali mogħtija lill-eks-Territorju Tutelat tal-Gżejjer tal-Paċifiku ĠU L 198, 23.7.2016, p. 43-43	10662/16
It-3482 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJET BARRANIN) li saret fi Brussell fit-18 ta' Lulju 2016	
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Somalja	10907/16
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Afganistan	10997/16

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Pakistan	10998/16
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1224 tat-18 ta' Lulju 2016 dwar il-konklużjoni ta' Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jstabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq naħa, u r-Repubblika Libaniża, fuq in-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, l-Ungerija, Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakkja fl-Unjoni Ewropea ĠU L 202, 28.7.2016, p. 1-2	13349/14
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1218 tat-18 ta' Lulju 2016 dwar il-konklużjoni ta' Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jstabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa, u r-Repubblika Libaniża, min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni mal-Unjoni Ewropea tar-Repubblika tal-Bulgarija u dik tar-Rumanija ĠU L 201, 27.7.2016, p. 1-1	13395/14
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1225 tat-18 ta' Lulju 2016 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jstabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Libanu, min-naħa l-oħra, dwar Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Libanu dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteciċipazzjoni tar-Repubblika tal-Libanu fil-programmi tal-Unjoni ĠU L 202, 28.7.2016, p. 3-4	16136/14
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1315 tat-18 ta' Lulju 2016 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat ta' Assoċjazzjoni mwaqqaf permezz tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jstabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, min-naħa l-oħra, rigward emenda temporanja għall-Protokoll 3 għal dak il-Ftehim li tikkonċerna d-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva bħala rispons favur ir-refuġjati li qed jaħarbu mill-konflitt fis-Sirja ĠU L 208, 2.8.2016, p. 6-41	10882/16

Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, u l-applikazzjoni proviżorja ta' Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jstabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika Għarbija tal-Eġittu min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea	10217/16
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1210 tat-18 ta' Lulju 2016 dwar il-konklużjoni ta' Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn parti waħda, u r-Repubblika tal-Ażerbajġan, mill-parti l-oħra, dwar Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Ażerbajġan dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteciċipazzjoni tar-Repubblika tal-Ażerbajġan fi programmi tal-Unjoni ĠU L 199, 26.7.2016, p. 1-2	5616/14
Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/1182 tat-18 ta' Lulju 2016 dwar ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Istitut tal-Unjoni Ewropea għall-Istudji fuq is-Sigurtà ĠU L 195, 20.7.2016, p. 31-74	5978/16
Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/1173 tat-18 ta' Lulju 2016 li temenda d-Deċiżjoni 2010/788/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Kongo ĠU L 193, 19.7.2016, p. 108-109	10863/16
Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/1165 tat-18 ta' Lulju 2016 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1183/2005 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra persuni li jaġixxu bi ksur għall-embargo tal-armi fir-rigward tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo ĠU L 193, 19.7.2016, p. 15-16	10903/16
Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/1172 tat-18 ta' Lulju 2016 li temenda d-Deċiżjoni 2012/392/PESK dwar il-missjoni ta' PSDK tal-Unjoni Ewropea fin-Niġer (EUCAP Sahel Niger) ĠU L 193, 19.7.2016, p. 106-107	10395/16
Deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni dwar l-indirizzar tan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2015 tal-applikazzjoni min-Netherlands tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tar-ritorn	11126/16

Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1336 tat-18 ta' Lulju 2016 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Amerika Ċentrali fir-rigward tas-sostituzzjoni tal-Appendiċi 2 tal-Anness II tal-Ftehim li jstabbilixxi Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Amerika Ċentrali, min-naħa l-oħra ĠU L 212, 5.8.2016, p. 8-106	9087/16
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Sudan t'Isfel	11213/16
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-Turkija	11368/16
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija tal-UE dwar iċ-Ċina	11319/16
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Venezwela	11264/16
Proċedura bil-miktub magħluqa fis-26 ta' Lulju 2016	
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1316 tas-26 ta' Lulju 2016 li temenda d-Deċiżjoni 2009/908/UE, li tistabbilixxi miżuri għall-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew dwar l-eżerċizzju tal-Presidenza tal-Kunsill, u dwar il-presidenza tal-korpi preparatorji tal-Kunsill ĠU L 208, 2.8.2016, p. 42-44	11432/16
Proċeduri bil-miktub magħluqa fit-28 ta' Lulju 2016	
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Deċiżjoni tal-Kunsill dwar proposta biex tiġi stabbilita l-lista ta' proġetti tal-infrastruttura tal-enerġija tal-Komunità tal-Enerġija	11181/16
Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) 2016/72 u (UE) 2015/2072 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet tas-sajd	11275/16

Proċedura bil-miktub magħluqa fit-2 ta' Awwissu 2016	
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1337 tat-2 ta' Awwissu 2016 dwar l-allokkazzjoni ta' fondi diżimpenjati minn proġetti taħt l-10 Fond Ewropew għall-Iżvilupp għall-għan tar-riforniment tal-Faċilità għall-Paċi fl-Afrika ĠU L 212, 5.8.2016, p. 107-108	11375/16
Proċeduri bil-miktub magħluqa fl-4 ta' Awwissu 2016	
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/1338 tal-4 ta' Awwissu 2016 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2015/2052 li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea fil-Kosovo (Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244/1999 u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.) ĠU L 212, 5.8.2016, p. 109-110	10333/16
Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/1783 tal-4 ta' Awwissu 2016 dwar l-iffirmar u l-konklużjoni f'isem l-Unjoni tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Afganistan dwar l-estensjoni tal-ftehim dwar l-istatus tal-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea fl-Afganistan (EUPOL AFGHANISTAN) ĠU L 273, 8.10.2016, p. 1-2	9861/16
Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Afganistan dwar l-estensjoni tal-ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Afganistan dwar l-istatus tal-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea fl-Afganistan (EUPOL AFGHANISTAN) ĠU L 273, 8.10.2016, p. 3-4	9861/16

Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/1338 tal-4 ta' Awwissu 2016 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2015/2052 li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea fil-Kosovo (Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244/1999 u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.) ĠU L 212, 5.8.2016, p. 109-110	10334/16
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/1340 tal-4 ta' Awwissu 2016 li timplimenta d-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja ĠU L 212, 5.8.2016, p. 113-115	11161/16
Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1334 tal-4 ta' Awwissu 2016 li jimplimenta l-Artikolu 21(2) tar-Regolament (UE) 2016/44 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja ĠU L 212, 5.8.2016, p. 3-4	11163/16
Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/1341 tal-4 ta' Awwissu 2016 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2016/849 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea ĠU L 212, 5.8.2016, p. 116-117	11229/16
Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/1333 tal-4 ta' Awwissu 2016 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 329/2007 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea ĠU L 212, 5.8.2016, p. 1-2	11280/16
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1351 tal-4 ta' Awwissu 2016 dwar ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża, u li tħassar id-Deċiżjoni 2004/676/KE ĠU L 219, 12.8.2016, p. 1-81	7542/16
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1352 tal-4 ta' Awwissu 2016 dwar ir-Regoli applikabbli għall-esperti nazzjonali ssekondati għall-Aġenzija Ewropea għad-Difiża, u li tħassar id-Deċiżjoni 2004/677/KE ĠU L 219, 12.8.2016, p. 82-97	7544/16
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1353 tal-4 ta' Awwissu 2016 dwar ir-regoli finanzjarji tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża u li tħassar id-Deċiżjoni 2007/643/PESK ĠU L 219, 12.8.2016, p. 98-119	7545/16

Proċeduri bil-miktub magħluqa fit-8 ta' Awwissu 2016	
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Deċiżjoni tal-Kunsill li tavża lil Spanja biex jieħu miżuri għat-tnaqqis tad-defiċit meqjus bħala neċessarju biex tiġi rrimedjata s-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv	11552/16 Proċedura/Regola ta' votazzjoni: Maġġoranza kwalifikata Voti: L-Istati Membri kollha favur
Deċiżjoni tal-Kunsill li tavża lill-Portugall biex jieħu miżuri għat-tnaqqis tad-defiċit meqjus bħala neċessarju biex tiġi rrimedjata s-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv	11553/16 Proċedura/Regola ta' votazzjoni: Maġġoranza kwalifikata Voti: L-Istati Membri kollha favur
Proċeduri bil-miktub magħluqa fid-9 ta' Awwissu 2016	
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill dwar l-impożizzjoni ta' multa fuq il-Portugall minħabba nuqqas ta' azzjoni effettiva biex jindirizza defiċit eċċessiv	11554/16 Proċedura/Regola ta' votazzjoni: L-Artikolu 6(2) tar-Regolament Nru 1173/2011: "Id-deċiżjoni li timponi multa għandha titqies li ġiet adottata mill-Kunsill sakemm dan ma jiddeċidix b'maġġoranza kwalifikata li jiċħad ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni fi żmien 10 ijiem" Voti: L-Istati Membri kollha favur li ma jiċħdux

Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill dwar l-impożizzjoni ta' multa fuq Spanja minħabba nuqqas ta' azzjoni effettiva biex tindirizza defiċit eċċessiv	11555/16 Proċedura/Regola ta' votazzjoni: L-Artikolu 6(2) tar-Regolament Nru 1173/2011: "Id-deċiżjoni li timponi multa għandha titqies li għet adottata mill-Kunsill sakemm dan ma jiddeċidix b'maġġoranza kwalifikata li jiċħad ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni fi żmien 10 ijiem" Voti: L-Istati Membri kollha favur li ma jiċħdux
Proċeduri bil-miktub magħluqa fil-31 ta' Awwissu 2016	
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/1446 tal-31 ta' Awwissu 2016 li timplimenta d-Deċiżjoni 2013/798/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Ċentru-Afrikana ĠU L 235, 1.9.2016, p. 13-16	11759/16
Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1442 tal-31 ta' Awwissu 2016 li jimplimenta l-Artikolu 17(1) u (3) tar-Regolament (UE) Nru 224/2014 dwar miżuri restrittivi minħabba s-sitwazzjoni fir-Repubblika Ċentru-Afrikana ĠU L 235, 1.9.2016, p. 1-5	11761/16